MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2006

Numru. 1191/2006

**Il-Pulizija**

**(Spettur Ian J. Abdilla)**
**vs**
**Jesmond Vella**

**Illum, 10 ta' Novembru, 2006**

**Il-Qorti:**

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-pulizija kontra Jesmond Vella, ta' 38 sena, iben Gaetano u Carmela nee' Tabone, imwieled Pieta fil-15 ta' April, 1968 u residenti fil-fond Block 1, Flat numru 5, Triq l-Ghansar, Santa Lucia u detentur ta' Karta ta' Identita' numru 179768M fejn gie akkuzat talli:

Nhar it-8 ta' Novembru 2006, u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

a. Iffalsifika biljetti tal-flus, jew mexxa biljetti tal-flus falsifikati, liema biljetti tal-flus falsifikati huma ta' valuta Maltija (Liri Maltin), meta kien jaf li huma falsifikati; u dan bi ksur ta' l-Artikolu 18 tal-Kap. 9 u l-Artikolu 45 tal-kap. 204 tal-Ligijiet ta' Malta.
b. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi minghajr awtorita' legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli xtara jew ircieva minghad xi persuna, kif ukoll kellu fil-pussess tieghu, biljetti tal-flus ta' valuta Maltija (Liri Maltin) falsifikati, meta kien jaf li l-istess huma ffalsifikati; u dan bi ksur ta' l-Artikolu 18 tal-Kap. 9 u l-Artikolu 46 tal-kap. 204 tal-Ligijiet ta' Malta.
c. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex imexxihom jew ibieghhom; u dan bi ksur ta' l-Artikoli 18 u 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U b'hekk sar recediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi gew definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Semghet id-dikjarazzjoni ta' htija ta' l-imputat;

Fuq l-iskorta ta' din l-ammissjoni;

Wara li rat l-Artikoli 18 u 334 u 49 u 50 tal-Kap. 9 u l-Artikoli 45 u 46 tal-Kap. 204 tal-Ligijiet ta' Malta;

Issib lill-imputat hati skond l-akkuzi u ghal dak li jirrigwarda l-piena wara li semghet lill-Ufficjal Prosekutur jghid li l-imputat ikkopera mall-Pulizija fl-isvolgiment ta' l-investigazzjoni taghha u rat ukoll li l-imputat ammetta l-akkuzi fi stat bikri tal-procediment, jidhrilha li l-imputat ghandu jibbenefika mill-provediment ta' l-Artikolu 21 tal-Kap. 9 u ghalhekk tikkundanna lill-imputat ghal piena ta' prigunerija ta' zmien sitt (6) xhur.

A tenur ta' l-Artikolu 392A tal-Kap. 9, tordna illi l-atti flimkien ma kopja ta' din is-sentenza jigu mibghuta lill-

Avukat Generali ai termini ta' l-Artikolu 401(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------